## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

**Appell Nru: 507/2016**

**Il-Puilzija**

**Vs**

**Miguel De Giorgio**

Illum 28 ta' Jannar, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Miguel Degiorgio, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 18859M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat imsejjah reat kontinwat ghax-xhur ta' April 2016 u Mejju 2016, naqas li jghati lil Diana De Giorgio is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghall-uliedu u/jew ghal martu, fi zmien 15 il-jum minn dak il-

jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal-terminu ta' xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Miguel De Giorgio, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Novembru, 2016 li bih talab lill-din il-Qorti **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u piena jew **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati u tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' xahar u minflok tikkundannah ghal-piena inferjuri, iktar ekwa u gusta tenut kont tac-cirkostanzi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-udjenza tal-lum li fiha kellha tkun prolatata s-sentenza, l-appellant irtira l-aggravji u t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza izda zamm ferm l-aggravji u t-talba tieghu ghar-riforma taghha. U dan wara li l-istess appellant, seduta stante, hallas dak minnu dovut bhala manteniment lill-

kwerelanta Diana De Giorgio li kkonfermat li rceviet l-ammont ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha;

2. Illi ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji dwar is-sejbien ta' htija. Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena l-appellant jilmenta li din hija manifestament eccessiva fic-cirkostanzi minnu elenkati dwar is-sejbien ta' htija. Anke hawn, il-Qorti mhix ser tinoltra aktar u dan ghaliex mhux mehtieg ezami dwar jekk il-piena hix wahda eccessiva jew le tenut kont illi l-appellant issalda d-debitu tieghu u ghalhekk hemm cirkostanzi differenti x'jitqiesu minn dik meta l-appellant kien adempjenti fl-obbligi tieghu;

3. Dwar dan, il-Qorti tfakkar il-monitu wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna illi bhala Qorti revizorja ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sakemm il-piena kominata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Fis-sitwazzjoni odjerna, izda, intlahaq l-ghan tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali li tkun protetta u obduta l-ordni tal-Qorti intiza sabiex tassigura l-ghejxien tal-parti civile u/jew id-dipendenti tal-partijiet u dan billi sar il-hlas dovut mill-appellant. F'cirkostanzi bhal dawn, ghalhekk jkun opportun temperament fil-piena meta din tkun wahda ta' karcerazzjoni;

4. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-appell kwantu dan jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata, tirriforma l-istess billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-

appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu għal-piena ta' xahar prigunerija u minflok tikkudnannah għal twiddiba.